KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 55

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

It-Tlieta 24 ta' Marzu, 2026

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Golden Oriole, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:05 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

55.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sabiex jinfurmana li ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa minħabba li kellu l-laqgħa tal-Kunsill.

55.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

## 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

55.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 54 li nżammet nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2026 kienu meħuda bħala moqrija.

55.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, sekondat mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo.

## 55.3 Preżentazzjoni dwar il-Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart Domestiku mill-Avukat, Dott. Mifsud Bonnici

55.3.1 Il-President stieden lil Dott. Mifsud Bonnici fil-kamra sabiex jiġi diskussa l-iżviluppi kollha relatata mal-każ li għaddej il-qorti minħabba l-Kuntrattur tal-ġbir taż-żibel domestiku.

55.3.2 *17:07pm – Is-Sindku tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

55.3.3 *17:20pm – Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, wasal għal din il-laqgħa.*

55.3.4 Inżammet diskussjoni fit-tul dwar dan is-suġġett u s-Sur Chircop irringrazzja lill-Dott. Mifsud Bonnici talli kien preżenti u spjega dak kollu li kien ġara s'issa fuq dan il-każ.

55.3.5 Dott. Mifsud Bonnici ġie skużat mill-kamra.

55.3.6 Inżammet diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar l-informazzjoni li kienet ġiet imressqa u fl-aħħar kien hemm qbil li r-Reġjun jinforma lill-Kuntrattur li l-multa miżmuma ta' l-ewwel sitt xhur ser jingħataw lura malli jkun ġie iffirmat ftehim bil-miktub bejn ir-Reġjun u l-Kuntrattur.

55.3.7 Kien hemm qbil li l-ammont tal-multa globali jingħataw lura lill-kuntrattur ġaladarba l-problemi msemmija jiġu riżolti u l-każ li għaddej il-qorti dwar dan jingħalaq. Kien hemm qbil li l-avukat tal-kuntrattur għandu jgħati deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 10 ta' April 2026 biex jgħati risposta lura u r-Reġjun ikun jistà jipproċedi fuq dak li hemm miftihem.

## 55.4 Komunikazzjoni mill-President

- *Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Lvant*

55.3.1 Il-President informa lill-membri dan hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ġew avviċinata mis-sid tal-uffiċċju amminustrattiv tar-Reġjun dwar il-kera. Hu qal kif għal dan il-għan nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2026 inżammet laqgħa mas-sidien fil-preżenza ta' l-avukat tar-Reġjun, Dott. Paul Radmilli. Hu kompla jispjega kif nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu intbagħtet komunikazzjoni pero ma kienx hemm tweġiba lura mingħand is-sidien.

55.3.2 Is-Sur Chircop spjega kif ir-Reġjun ippropona li l-kuntratt jiġi estiż b'sena u nofs fejn ikun hemm skadenza kull sitt xhur. Għalkemm ir-Reġjun kien għadu bla risposta, is-Sur Chircop spjega kif il-ftehim kien li l-proposta mressqa mis-sidien ser tkun qed tiġi mressqa lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

55.3.3 Is-Sur Chircop qal kif, hekk kif kien imsemmi f'laqgħat preċedenti tar-Reġjun, dan ir-Reġjun kien qed jgħamel l-istudju neċessarju fuq żewġ siti – White Rocks f'Pembroke u Manoel Island fil-Gżira.

55.3.4 Is-Sur Chircop informa wkoll kif nhar il-Ħamis 12 ta' Marzu 2026 hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttic kellhom laqgħa ma' l-Onor Alison Zerafa Civelli fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn ġie diskuss l-uffiċċju amministrattiv kif ukoll ġew diskussa l-problema dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart.

- *Laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità*

55.3.5 Nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 226 inżammet laqgħa mas-Supretendent Joseph Busuttil tal-Pulizija tal-Komunità sabiex nispjegaw aktar l-irwol tar-Reġjun u dwar kif ir-Reġjun jistà jkun t'għajnuna flimkien mal-Kunsilli Lokali. Hu spjega wkoll kif is-Supretendent talab il-bżonn ta' uffiċċju speċjalment biex iservi in-naħa ta' fuq ta' Malta.

- *Laqgħa mal-Perit tar-Reġjun*

55.3.6 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li kienet inżammet mal-Perit tal-Kunsill dwar is-sit ta' White Rocks u Manoel Island nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu 2026. Hu spjega kif il-perit pprepara pjanti li bihom ser jiġu mressqa lill-Ministru Miriam Dalli.

## 55.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

55.5.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda mistoqsija

## 55.6 Rapporti

55.6.1 Il-President informa kif għal din il-laqgħa ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi mressaq.

## 55.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *TFULIJA*

55.7.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun kien attenda għat-tnedija uffiċċjali ta' dan il-proġett imħejji mill-Kummissarju għad-drittijiet tat-tfal. Hu kompla qal kif peress li għal din it-tnedija ma kien hemm ħadd mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun preżenti, dan ir-Reġjun kien avviċina lill-Kummissarju sabiex jiġi organizzat seminar ta' informazzjoni u b'hekk kull Kunsill Lokali jifhem aħjar kif jistà japplika għal din il-*label* ta' kwalità.

55.7.2 Is-Sur Chircop fakkar kif dan is-seminar ser jinżamm nhar it-Tnejn 13 t'April 2026 bejn 10 ta' filgħodu u nofsinhar ġewwa l-Urban Valley Resort and Spa, San Gwann.

- ***Laqgħa Ġenerali Annwali tar-Reġjun 2026***

55.7.3 Il-President informa kif din ser tinżamm nhar il-Ħamis 28 ta' Mejju 2026 filgħaxija u kif fl-istess ġurnata filgħodu ser jinżamm seminar informattiv dwar l-użu ta' l-intelliġenza artifiċċjali bħala mezz ta' għodda fil-Kunsilli Lokali. Hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tkompli tispjega aħjar dwar dan il-punt.

55.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif ir-Reġjun kien għamel talba lis-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Keith Azzopardi Tanti, peress li fis-sena 2025 kien esprima li jixtieq li hu jgħati kontribuzzjoni jekk dan ir-Reġjun jorganizza seminar informattiva fuq l-inteligenza artifiċjali.

55.7.5 Hi kompliet tispjega kif ir-Reġjun xtaq li jikkombina dawn iż-żewġ avvenimenti fl-istess ġurnata sabiex l-ispejjeż involuta jsiru f'darba.

55.7.6 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv tinforma lill-membri bil-punti li kien għad baqa jissemmew.

- ***Il-Kompetizzjoni tal-Krafts tal-Għid***

55.7.7 B'referenza għal din il-kompetizzjoni s-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif dan l-avveniment kien qed jerġa jinżamm u kif r-rebbieħa se jkunu qed jitħabbru waqt l-avveniment bit-titlu *Easter Fun* li qed jiġi organizzat mill-Kunsill Lokali ta' Swieqi.

55.7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif dan l-avveniment ser jinżamm nhar it-Tnejn 6 t'April 2026.

- ***Thrift Pop Up***

55.7.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif dan l-avveniment ser jerga jinżamm għar-raba' sena u kif din is-sena ser terġa ssir b'kollaborazzjoni mal-MSPCA Charity Shops fis-27 u 29 ta' Novembru 2026. Hi qalet ukoll kif din is-sena l-post fejn ser jinżamm dan l-avveniment ser ikun Waterfront Hotel f'tas-Sliema fejn ha jkun *sponsor.*

- ***Horizon Europea EI4Impact***

55.7.10 B'referenza għal dan il-programm s-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan il-proġett għandu l-għan li jiżviluppa u jivvalida "familji" ta' indikaturi bbażati fuq l-Osservazzjoni tad-Dinja (EO) relatati mal-ilma, tniġġis, l-agrikoltura u r-reżiljenza urbana.

55.7.11 Hi kompliet tispjega kif dan il-proġett huwa ffinanzjat kompletament minn dawn il-fondi u r-Reġjun qed jipparteċipa bħala *stakeholder partner* u ser ikun qed jirċievi €50,000 biex ikopri l-ispejjeż ta' erbgħa laqgħat barra l-pajjiz kif ukoll jorganizza laqgħat mal-partijiet interessati u l-pagiet ta' min ser ikun involute fuq dan il-proġett.

- *Servizz ta' Rmonk*

55.7.12 B'referenza għal din is-servizz, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-President flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer ta' l-Ambjent żammu laqgħa fl-24 ta' Marzu 2026 mas-Sur Ghigo. Hi spjegat kif għal din il-għan is-Sa Borg Brincat preparate *poster* bil-passi li wieħed għandu jsegwi meta jittratta vettura b'liċenzja skaduta pparkjata fi spazju pubbliku.

55.7.13 Is-Sa Galea spjegat kif ir-Reġjun ipprepara *stickers* li ser jiġu pprintjati mir-Reġjun għal kull Kunsill sabiex jgħamlu użu minnhom u biex naċċertaw li dawn ikunu l-istess fil-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun.

55.7.14 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, talab sabiex din tiġi iċċirkulata mal-Kunsilli qabel ma jiġi stampat kollox.

55.7.15 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

55.7.16 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, għamel referenza għall-laqgħa Ġenerali annwali tar-Reġjun ta' din is-sena u talab sabiex fl-aġenda jkun hemm ħin adekwat biex is-Sindku u Kunsilliera preżenti jkollhom ħin fejn jistgħu jressqu punti Ġenerali u mhux fuq is-suġġett magħżul biss.

55.7.17 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan il-punt kien ġie diskuss waqt il-preparamenti ta' l-aġenda u kkonfermat kif ser ikun hemm ħin allokat għal dan il-għan.

55.7.18 ***19:07pm – Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, skuża ruħu minn din il-laqgħa minħabba mpenn ieħor.***

55.7.19 Il-membri preżenti komplew b'diskussjoni qasira dwar is-servizz ta' rmonk.

- *Skema Finanzjarja mill-Kunsill Regjonali Lvant Nru 2*

55.7.20 B'referenza għal din l-iskema finanzjarja, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif sal- Ġimgħa, 27 ta' Frar 2026, kull Kunsill Lokali kellu jibgħat aġġornament dwar l-istat tal-proġett tiegħu relatat ma' din l-iskema.

55.7.21 Hi kompliet tgħid kif il-Kunsill ta' San Ġiljan baqa ma taha l-ebda tweġiba filwaqt li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ressqu talbu estensjoni tad-data ta' l-għeluq għal meta' jispiċċa x-xogħol. Hi fakkret kif dan il-Kunsill kien applika biex jirrestawra żewġ *telephone boxes* biex tinbidel għall-librerija miftuħa.

55.7.22 Ġie deċiż li l-estenzjoni se tingħata sa mhux aktar tard minn Frar 2027.

- *lVANt – Aġġornament*

55.7.23 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif ir-Reġjun kien ħareġ sejħa għall-artisti fuq il-midja soċjali tar-Reġjun u talbet sabiex il-Kunsilli jgħamlu *share* ta' dan l-avviż fuq il-paġni soċjali tal-Kunsill.

55.7.24 Hi talbet ukoll sabiex kull Kunsill iressaqidata proviżorja lill-Maniġer tal-Kultura fil-ġimgħat li ġejjin.

- *Proġett Tentattiv*

55.7.25 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif fil-bidu tal-leġislatura ta' dan il-Gvern, dan ir-Reġjun kien avviċinat mis-Segretarjat Parlamentari għall-Ugwaljanza u riformi sabiex jinżamm proġett artistiku.

55.7.26 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat l-idea li ħarġet biha flimkien mal-Maniġer tal-Kultura u fuq qbil tal-membri preżenti, hi ser titlob laqgħa ma' l-Onor. Rebecca Buttigieg sabiex naraw jekk dan il-proġett jistax jinżamm.

55.7.27 Il-membri preżenti approvaw il-ħsieb ta' dan il-proġett u aġġornament dwar dan tingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Regional Football Tournament*

55.7.3 B'referenza għal dan it-tournament, is-Segretarju Eżekuttiv fakkret kif dan kien qed isir għat-tieni sena nhar is-Sibt 11 t'April 2026 u kif l-informazzjoni dwar il-gruppi ta' età u l-fixtures f'kull grawnd ser tkun qed tingħata fil-ġranet li ġejjin. Hi fakkret ukoll kif id-donazzjonijiet ta' parteċipazzjoni u kull donazzjoni oħra li tinġabar matul dan l-avveniment ser imur b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation.

- *STEM Community Fund – Armillary Sphere*

55.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-post magħżul għal din l-installazzjoni fil-Gżira kien ġie ssuġġerit li jitkabbru d-dimensjonijiet tal-Armillary Sphere biex ikunu aktar adattati għall-ispazzju.

55.7.5 Kien hemm qbil preżenti sabiex id-daqs ikun dak suġġerit u jinħareġ €3,000 aktar minn dak li kien miftihem oriġinarjament.

- *Kwotazzjonijiet*

55.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-kwotazzjonijiet miġbura kien diġa ġew iċċirkulata mal-membri preżenti qabel din il-laqgħa u kien hemm qbil sabiex ir-Reġjun jipproċedi ma' l-orħos kwotazzjonijiet imressqa.

55.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda kwotazzjonijiet għal kirja ta 'printer/photocopier ġdida peress li kien hemm kienet ilha madwar tnax-il sena u l-parts tagħha biex titranġa ma kienx hemm. L-orħos kwotazzjoni kienet dik provduta minn Avantech.

55.7.8 Kwotazzjonijiet sabiex jingħata frott lill-parteċipanti waqt ir-Regional Football Tournament 2026. Kien hemm qbil sabiex dawn jinxtraw mill-orħos kwotazzjoni provduta minn Mgarr Farming għall-prezz ta' €840.00

55.7.9 Kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw medalji għall-parteċipanti kollha fir-Regional Football Tournament 2026. Kien hemm qbil sabiex dawn jinxtraw mill-orħos kwotazzjoni provduta minn Horace Enterprices għall-prezz ta' €540.00.

55.7.10 Kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw 1,200 set ta *pocket* għall-proġett ta' School Starter Pack u kien hemm qbil sabiex dawn jinxtraw mingħand Corporate Gifts Malta għall-prezz ta' €5,895.28 li kien it-tieni l-orħos minħabba li kien hemm użu ta' plastic li dan ir-Reġjun ma jixtieqx li jippromovi.

55.7.11 Kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw 1,200 set ta' lapsijiet ikkuluriti għall-proġett School Starter Pack u kien hemm qbil sabiex dawn jinxtraw mingħand Playcraft Malta għall-prezz ta' €1,274.40.

55.7.12 Kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw 1,600 *unsharpened, customised, graphite Sprout Pencils* għall-proġett School Starter Pack u kien hemm qbil sabiex dawn jinxtraw mingħand Sprout World għall-prezz ta' €1,785.96.

55.7.13 Kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw 1500 *customised seed paper pencil sleeves* għall-proġett School Starter Pack u kien hemm qbil sabiex dawn jinxtraw mingħand Little Green Paper Shop għall-prezz ta' €1,076.81

55.7.14 Kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw 1200 *customised dawing books* għall-proġett School Starter Pack u kien hemm qbil sabiex dawn jinxtraw mingħand Print Right għall-prezz ta' €367.50.

55.7.15 Kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm animatur li jilbes il-kostum ta' Bertu l-Ballottra għall-proġett School Starter Pack u kien hemm qbil sabiex dan is-servizz jingħata minn Josue Formosa għall-prezz ta' €1,080.00.

## 55.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

55.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

55.7.2 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondat mis-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 52A u 52B.

55.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 55.9 Mozzjonijiet

55.9.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 55.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

55.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta' April 2026, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 27 t'April, 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |